31974R1709

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1709/74 TAL-KUMMISSJONI tat-2 ta' Lulju 1974 fuq il-klassifika ta' oġġetti taħt is-subintestatura 20.06 B I tat-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 97/69 [1] tas-16 ta' Jannar 1969 fuq miżuri li għandhom jittieħdu għall-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bl-Att [2] mehmuż mat-Trattat ta' adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fil-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità dwar l-Enerġija Atomika Ewropea, iffirmat f'Brussel fit-22 ta' Jannar 1972, u partikolarment Artikolu 3 tiegħu;

Billi għandha ssir dispożizzjoni biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni fir-rigward il-klassifika taċ-ċirasa li hija temporanjament priservata f'taħlita ta' ilma u alkoħol tal-etill għall-użu, fost oħrajn, fil-manifattura ta' prodotti taċ-ċikkulata;

Billi l-intestatura Nru 08.11 tat-Tariffa Doganali Komuni annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 [3] tat-28 ta' Ġunju 1968, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1615/74 [4] tal-25 ta' Ġunju 1974, tkopri "frott priservat proviżorjament (per eżempju, bil-gass *sulphur dioxide*, fis-salmura, fl-ilma bil-kubrit jew f'soluzzjonijiet oħra ta' preservazzjoni), imma mhux tajba f'dak l-istat għall-konsum immedjat";

Billi n-"Noti Spjegattivi" għan-Nomenklatura ta' Brussel jagħmluha ċara li l-intestatura fuq imsemmija Nru 08.11 tapplika għall-frott li ġiet trattat biss biex jassigura l-preservazzjoni proviżorja matul it-trasport jew ħażna qabel l-użu, sakemm ma jibqax tajjeb għall-konsum immedjat f'dak l-istat; billi, għalhekk, din l-intestatura teskludi frott li ġie trattat b'mod li ma jagħmlux mhux tajjeb għall-konsum immedjat.

Billi ċirasa mqiegħda f'taħlita ta' ilma u alkoħol tal-etill, b'saħħa alkoħolika biżżejjed biex tippriserva il-frott għall-perjodu limitat, ma ssirx għalhekk mhux tajba għall-konsum immedjat; billi ċirasa trattata hekk ma tistax taqa' taħt l-intestatura Nru 08.11;

Billi, mill-banda l-oħra, is-subintestatura 2006 B I tat-Tariffa Doganali Komuni tapplika għall-frott preparat jew preservat diversament, li jkollu spirtu miżjud, tajjeb għall-konsum immedjat;

Billi jsegwi li ċ-ċirasi msemmija hawn fuq għandhom jaqgħu fis-subintestatura 20.06 B I tat-Tariffa Doganali Komuni;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-Opinjoni tal-Kumitat fuq in-Nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ċirasi mqiegħda f'taħlita ta' ilma u alkoħol ta' l-etill għandhom ikunu klassifikati bħala frott tajjeb għall-konsum immedjat fis-subintestatura li ġejja tat-Tariffa Doganali Komuni:

20.06	Frott preparat jew priservat diversament, kemm jekk ikollu zokkor jew spirtu miżud jew le:	
	B. Oħrajn:	
	I. Li jkollhom spirtu miżjud	

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-wieħed u għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fit-2 ta' Lulju 1974.

Għall-Kummissjoni

François-Xavier ORTOLI

Il-President

---

(1) ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 1.
(2) ĠU L 73, 27.03.72, p. 14.
(3) ĠU L 172, tat-22.7.1968, p. 1.
(4) ĠU L 174, 28.06.74, p. 4